| KUNSILL<br>TAL-UNJONI EWROPEA | **Brussell, 29 ta' Jannar 2014 (07.02)**<br>**(OR. en)** |
|---|---|
| | **5783/14** |
| | **COPEN 28**<br>**EJN 20**<br>**EUROJUST 23** |

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Martin Povejšil, Ambaxxatur, Rappreżentant Permanenti, Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Ċeka għall-Unjoni Ewropea |
| lil: | Is-Sur Rafael Fernández-Pita y González, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 17 ta' Diċembru 2013 |
| Suġġett: | Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri<br>- Notifika mir-Repubblika Ċeka |

Għażiż Sur Direttur Ġenerali,

F'konformità mal-Artikolu 34(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, L 190, 18 ta' Lulju 2002), ninfurmak li r-Repubblika Ċeka implimentat id-Deċiżjoni Kwadru ta' hawn fuq fil-liġi nazzjonali tagħha.

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru ġew trasposti mill-Att Nru 104/2013 dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

B'rabta man-notifika msemmija hawn fuq qed nehmeż:

- it-test tan-notifika tar-Repubblika Ċeka (in-notifika skont l-Artikolu 7(1), in-notifika skont l-Artikolu 25(2) u n-notifika skont l-Artikolu 31 tad-Deċiżjoni Kwadru ta' hawn fuq (Anness Nru 1);
- it-test tal-anness għan-notifika tar-Repubblika Ċeka (Anness Nru 2);
- it-test tad-dikjarazzjoni tar-Repubblika Ċeka - dikjarazzjoni skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Kwadru ta' hawn fuq (Anness Nru 3);
- tabella ta' implimentazzjoni;
- it-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni.

Nixtieq ninfurmak ukoll li d-Dipartiment Nazzjonali għal Materji Kriminali fil-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka jista' jiġi kkuntattjat għall-iskop ta' konsultazzjoni dwar mistoqsijiet tekniċi:

mezinárodní odbor trestní
Ministerstvo spravedlnosti České republiky
tel.: +420 221 997 484
posta elettronika: mot@msp.justice.cz

(Formola tal-għeluq)

(s.) Martin Povejšil

**Notifika mir-Repubblika Ċeka dwar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI)**

Notifika dwar l-Artikolu 6(3)

1) Il-korpi awtorizzati li joħorġu mandat ta' arrest Ewropew fir-Repubblika Ċeka huma qrati għoljin lokali, distrettwali, reġjonali, il-Qorti Muniċipali ta' Praga, il-Qorti Muniċipali ta' Brno u l-Qorti Suprema tar-Repubblika Ċeka.

2) Il-korpi awtorizzati li jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew fir-Repubblika Ċeka huma l-prosekuturi pubbliċi reġjonali, il-Prosekutur Pubbliku Muniċipali ta' Praga, il-qrati reġjonali, il-qrati għoljin u l-Qorti Muniċipali ta' Praga.

   Il-korpi kompetenti li jaċċettaw mandat ta' arrest Ewropew maħruġ minn Stat Membru huma l-prosekuturi pubbliċi reġjonali u l-Prosekutur Pubbliku Muniċipali ta' Praga. Id-dettalji ta' kuntatt huma mogħtija fl-Anness Nru 2.

Notifika dwar l-Artikolu 7(1)

Il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka, il-Kap Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika Ċeka u l-Presidju tal-Pulizija tar-Repubblika Ċeka huma l-awtoritajiet ċentrali maħtura biex jassistu l-awtoritajiet ġudizzjarji. Id-dettalji ta' kuntatt huma mogħtija fl-Anness Nru 2.

Notifika dwar l-Artikolu 25(2)

Il-korp fir-Repubblika Ċeka li huwa kompetenti biex jirċievi talbiet ta' transitu, inklużi d-dokumenti neċessarji li huma relatati ma' talbiet ta' transitu, huwa l-Ministeru tal-Ġustizzja. Id-dettalji ta' kuntatt huma mogħtija fl-Anness Nru 2.

Notifika dwar l-Artikolu 31

Minn issa 'l quddiem ir-Repubblika Ċeka ser timplimenta b'mod sħiħ il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957, il-protokoll addizzjonali tagħha tal-15 ta' Ottubru 1975, it-tieni protokoll addizzjonali tagħha tas-17 ta' Marzu 1978, u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Parti III Kapitolu 4 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehimiet ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni li jorbtuha u huma applikabbli għaliha. Ir-Repubblika Ċeka ser tipproċedi hekk sakemm ma tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa skont l-Artikolu 28(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni.

**Artikolu 6 - Dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu mandat ta' arrest Ewropew fit-territorju tar-Repubblika Ċeka**

1. **Prague Municipal Public Prosecutor**

   Náměstí 14. října 2188/9

   150 00 Praha 5

   Tel:+420 257 111 611

   Fax: +420 257 111 723

   Indirizz elettroniku: podatelna@msz.pha.mstice.cz

2. **Prague Regional Public Prosecutor**

   Husova 11

   110 01 Praha 5

   Tel.:+420222111700

   Fax:+420222220075

   Indirizz elettroniku: podatelna@ksz.pha.justice.cz

3. **České Budějovice Regional Public Prosecutor**

   Goethova 2

   370 70 České Budějovice

   Tel:+420386798111

   Fax: +420386798140

   Indirizz elettroniku: posta@ksz.cbu.justice.cz

4. **Plzeň Regional Public Prosecutor**

   Veleslavínova 38

   306 36 Plzeň

   Tel.:+420377868511

   Fax:+420377868512

   Indirizz elettroniku: podatelna@ksz.plz.justice.cz

5. **Ústí nad Labem Regional Public Prosecutor**

   tř. Národního odboje 1274

   400 85 Ústí nad Labem

   Tel:+420 475 531 881

   Fax: +420 475 532 850

   Indirizz elettroniku: podatelna@ksz.unl.justice.cz

6. **Hradec Králové Regional Public Prosecutor**

   Zíegíerova 189

   500 39 Hradec Králové

   Tel.: 420 495 054 211

   Fax: 420495 512 946

   Indirizz elettroniku: podatelna@ksz.hrk.justice.cz

7. **Brno Regional Public Prosecutor**

   Mozartova 3

   601 52 Brno

   Tel.: 420 542 427 427

   Fax: 420 542 215 004

   Indirizz elettroniku: podatelna@ksz.bm.justice.cz

8. **Ostrava Regional Public Prosecutor**

   Na Hradbách 21

   729 01 Ostrava 1

   Tel: 420 595 131 511

   Fax: 420 596 118 544

   Indirizz elettroniku: podatelna@ksz.ova.justice.cz

**Artikolu 7(1) - Dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet ċentrali maħtura biex jassistu l-awtoritajiet ġudizzjarji:**

1. **Ministry of Justice of the Czech Republic**
   Mezinárodni odbor trestní (International Department for Criminal Matters)
   Vyšehradská 16
   128 10 Praha 2
   Tel.: 420 221997 435
   fax: 420 221997 986
   Indirizz elettroniku: mot@msp.justice.cz

2. **Chief Public Prosecutor of the Czech Republic**
   mezinárodni odbor (International Department)
   Jezuitská 4
   660 55 Brno
   Tel: 420 542 512 330
   Fax: 420 542 512 227
   Indirizz elettroniku: podatelna@nsz.bm.justice.cz

3. **Police Presidium of the Czech Republic**
   InternationalPolice Cooperation Department
   SIRENE
   P. O. BOX 62/MPS
   Strojnická 27
   170 89 Praha 7
   Tel: +420974834210
   Fax: +420974834716
   Indirizz elettroniku: sirene@mvcr.cz

**Artikolu 25(2) - Dettalji ta' kuntatt ta' korpi kompetenti biex jirċievu talbiet ta' transitu:**

1. **Ministry of Justice of the Czech Republic**
   Mezinárodni odbor trestní (International Department for Criminal Matters)
   Vyšehradská 16
   128 10 Praha 2
   +420 221997 435
   +420 221997 986
   Indirizz elettroniku: mot@msp.justice.cz

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka dwar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002**002/584/ĠAI)

Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 8(2)

Ir-Repubblika Ċeka ser taċċetta mandat ta' arrest Ewropew imfassal biċ-Ċek jew akkumpanjat minn traduzzjoni fiċ-Ċek. Fir-rigward tar-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika Ċeka ser taċċetta mandat ta' arrest Ewropew imfassal bis-Slovakk jew akkumpanjat minn traduzzjoni fis-Slovakk. Fir-rigward tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka ser taċċetta mandat ta' arrest Ewropew imfassal bil-Ġermaniż jew akkumpanjat minn traduzzjoni fil-Ġermaniż.